# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 10 ta' Diċembru 2024**

**Rikors numru 357/2024/1**

**BMer Contracting Ltd (C 73810)**
**vs.**
**L-Avukat tal-Istat u Il-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' BMer Contracting Ltd li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex toħroġ ordni *ad interim* u tordna lill-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana sabiex ma jeżegwix il-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront tas-soċjeta rikorrenti sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri kostituzzjonali li l-istess soċjeta preżentat kontestwalment.

Rat ir-risposti tal-Avukat tal-Istat kif ukoll tal-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana li għal raġunijiet dettaljati talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad din it-talba.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id-dokumenti prodotti;

**Ikkunsidrat**

Il-bażi li fuqha s-soċjeta rikorrenti qegħda ssejjes it-talba tagħha hija l-proċedura li waslet għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-14 ta' Ġunju 2024 (Rik numru 18/2018)[1] u li skont is-soċjeta rikorrenti

[1] u li permezz tagħha ċaħdet l-appell tas-soċjeta rikorrenti mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li kienet ikkonfermat l-istima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana għall-

matul din il-proċedura hija ma ingħatax smiegħ xieraq, kif ukoll li l-aġir tal-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana kien jammonta għal deprivazzjoni indebita tal-possedimenti tas-soċjeta rikorrenti. Hija tenniet li fil-kors tal-proċeduri, inter alia ċertu Martin Farrugia li supplixxa l-materjal lir-rikorrenti kien ġie investigat kriminalment u mressaq il-Qorti minħabba allegat taħwid li huwa kellu fl-irċevuti tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Dan kien xehdu l-Ispettur Scerri stess matul il-proċedura tal-appell fejn dan l-Ispettur aċċenna għall-irċevuti tat-taxxa fuq il-Valur Miżjud li kienet tirċievi din ir-rikorrenti. Minkejja dan l-inċident konfermat mix-xiehda li ġiet mogħtija quddiem l-istess Qorti, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma għamlet ebda ċenn għal din ix-xiehda tal-Ispettur. B'hekk is-soċjeta rikorrenti ssostni li dik il-Qorti allura injorat l-eżistenza ta' dik ix-xiehda meta ġiet biex teroga s-sentenza.

Għalkemm is-soċjeta rikorrenti għamlet talba għal rifużjoni, din it-talba ma ġietx milqugħa. Allura s-soċjeta rikorrenti kienet qegħda tistaqsi sewwasew x'kienu qegħdin jippretendu li jieħdu lura l-intimati. Jekk il-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv li ottjena huwa kien sejjer jikkostrinġi lis-soċjeta rikorrenti li tiġi likwidata in kwantu ma kellhiex likwidita biżżejjed biex tkun tista' tħallas l-ammonti reklamati. Il-Kummissarju setgħa wkoll jeżegwixxi kontra tar-rappreżentanta tas-soċjeta rikorrenti personalment inkluż fuq id-dar tagħha. Dan allura kien preġudizzju manifest li hija kienet sejra ssofri in kwantu hija wkoll responsabbli personalment mit-taxxa reklamata.

Mill-banda l-oħra l-proċeduri kostituzzjonali kienu proċeduri li jitmexxew b'ċertu speditezza u ma kienux proċeduri li jinvolvu numru kbir ta' xiehda. Fil-fatt fil-meritu tal-każ, is-soċjeta rikorrenti ddikjarat li ma kienx hemm xiehda oħra għajr ħlief ir-rikorrenti u l-accountant tagħha. Imma fil-frattemp kien sejjer ikompli jiddekorru l-imgħaxijiet. Jekk tiġi eżegwita s-sentenza kontra tagħha, is-soċjeta rikorrenta kienet sejra tiġi mogħtija daqqa kbira l-isfel, mentri l-Kummissarju tat-Taxxi u Dwana bl-ebda mod ma kien sejjer jiġi preġudikat imbilli jistenna l-eżitu tal-proċeduri kostituzzjonali.

Inoltre sostniet ukoll li mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma kienx hemm skrutinju ulterjuri. Minn dik is-sentenza ma kienx hemm appell. Allura ma kienx hemm rimedju ieħor. Apparti minn hekk saħaq ukoll li talba simili għal dik proposta f'din il-proċedura kienet ġiet milqugħa fil-kawża XNT Limited (C52182) vs. Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et.

---

perjodu ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-ammont ta' €211,701.35 għall-perjodi tat-taxxa 01.11.15-31.10.16 u 01.08.16-31.10.16.

fejn kienet ingħata miżura ad interim biex il-jeddijiet tas-soċjeta rikorrenti f'dak il-każ ma jiġux mittiefsa.

**Ikkunsidrat :**

Miżura *ad interim* tingħata mill-Qrati:

(a) f'każijiet **reali** u ta' **natura serja** u mhux għal sitwazzjonijiet ipotetiċi jew inċerti; u
(b) f'każijiet ta' **urġenza estrema** fejn ikun hemm riskju imminenti ta' ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet tal-bniedem, u
(c) fejn jiġi muri li fil-każ partikolari jkun hemm ***prima faciae* ksur** ta' xi wieħed mill-jeddijiet tal-bniedem, u
(d) kif ukoll li n-nuqqas tal-ħruġ tal-miżura *ad interim* ikun sejjer iwassal għal **ħsara irrimedjabbli** – iġifieri li ma jistax jiġi mreġġa' lura jew rimedjat - **lil xi interessi vitali tal-parti interessata**; u
(e) u fejn ma jkun hemm **ebda rimedju ordinarju** ieħor għad-disposizzjoni tar-rikorrent.[2]

Dawn ir-**rekwiżiti huma kumulattivi** u mhux alternattivi. Għalhekk ġie ritenut li tali miżura *ad interim* ma tiġix mogħtija għajr fejn ikun hemm ċirkostanzi li jkunu eċċezzjonali.

F'dan il-każ ir-rikorrenta tittenta tattakka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) minħabba allegat ksur ta' smiegħ xieraq (art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea) kif ukoll minħabba li l-allegata azzjoni tal-Kummissarju tikkostitwixxi, skontha, "deprivazzjoni indebita tal-possedimenti tagħha" (art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea).

## A. Stħarriġ jekk kienx hemm *prima faciae* ksur ta'xi wieħed mill-jeddijiet tal-bniedem

## 1. Allegat ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Din mhix Qorti tat-tielet grad. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tikkostitwixxi *res iudicata* fejn allura, bħala regola, il-meritu deċiż

[2] Dan ikun il-każ per eżempju fejn ikun hemm riskju serju ta' tortura jew trattament inuman. Anke hemmhekk, f'każijiet ta' dik is-serjeta il-miżura ad interim ma tiġix mogħtija mill-Qorti sakemm ir-rikorrent ma jikkonvinċix lil Qorti, inkluż billi jressaq provi konvinċenti li juru t-theddida serja fuq ħajtu jew saħtu.

minnha, bħala Qorti tal-aħħar istanza, ma jistax jiġi mqiegħed f'dubju minn Qorti oħra tal-istess grad jew Qorti oħra. Altrimenti jiġi imminat il-kunċett kollu tal-ġudikat u taċ-ċertezza tad-dritt li huwa fin-natura ta' kull sentenza finali u definittiva.

Fi kwalunkwe każ, anke fejn huwa legalment possibbli li sentenza aħħarija tiġi impunjata ġudizjalment, dan jista' jsir biss bis-saħħa ta' sentenza oħra mogħtija minn Qorti u mhux sempliċiment minn allegazzjoni ta' xi parti li sentenza mogħtija kontriha tkun tivvjola jeddijiet.

Apparti dan, hija wkoll applikabbli l-presunzjoni li din is-sentenza ingħatat *rite et recte*: ċjoe li dik is-sentenza ingħatat bl-osservanza tal-Liġijiet u l-proċeduri legali, inkluż dawk li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-jeddijiet tal-bniedem. Din il-presunzjoni tista' tiġi ribattuta bi provi kontrarji fi proċeduri appositi, li pero jistgħu jkollhom effett revokanti biss wara li tkun ingħatat u bis-saħħa biss tas-sentenza definittiva li tkun ħasret l-effetti tas-sentenza vjolattiva. Din hija kwistjoni li tolqot il-meritu tat-talba tar-rikorrenti u mhux kwistjoni ta' miżura *ad interim*. Din il-Qorti ma tistax tidderimi din il-kwistjoni f'miżura *ad interim*. Għalhekk sakemm sentenza li għaddiet in ġudikat, u sakemm ma tkunx ġiet impunjata b'suċċess, ma tistax titwaqqaf milli tiġi eżegwita għaliex altrimenti l-effett tal-ġudikat ukoll jiġi mxejjen.

F'każ ta' **<u>ġudikat, ir-rimedju ta' miżura *ad interim* jingħata biss u esklussivament b'mod eċċezzjonali</u>** in kwantu l-proċeduri kostituzzjonali li jkunu qegħdin jistħarġu l-aderenza kostituzzjonali jew konvenzjonali ta' dik is-sentenza ma jistgħux iwaslu għas-sospensjoni tal-effetti tas-sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat.

## 2. <u>Allegat ksur tal-art 39 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll</u>

L-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhux applikabbli fir-rigward tal-għemil jew ħdim ta' xi Liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta bi ħlas ta' taxxa jew drittijiet jew l-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' Qorti.

L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea l-anqas ma jżomm lil Stat Kontraenti milli jinforza, skont kif meħtieġ, l-użu ta' proprjeta skond ma jkun meqjus fl-interess ġenerali jew fit-tħaddim ta' miżuri intiżi li jassiguraw il-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew penali.

F’dan il-każ, l-eżerċizzju tal-Kummissarju tat-Taxxi u d-Dwana jirriżulta li *prima faciae* kien dak li jħares il-ħlasijiet ta’ taxxa fuq il-valur miżjud da parti tas-soċjeta rikorrenti.

F’dan il-każ is-soċjeta rikorrenti ma wrietx *prima faciae* l-ksur allegat.

Inoltre, l-anqas ma wriet li jekk din il-miżura *ad interim* ma tiġix mogħtija, is-soċjeta rikorrenti kienet sejra tbagħti **preġudizzju irrimedjabbli**. Jekk l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv de quo titkompla is-soċjeta rikorrenti tista’ tkun kostretta tħallas ammont ta’ flus, li għalkemm mhux insinjifikanti, xorta waħda jibqa’ fir-relm tar-rimedjabbli. Fil-każ li, fil-mertu, is-soċjeta rikorrenti tingħata raġun, din il-Qorti tista’ wkoll tordna li jiġi ripristinat l-i *status quo ante,* bil-konsegwenza li dak imħallas ikun irid jiġi mrodd lura.

# Decide

**Għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda tiċħad it-talba għall-ħruġ ta’ miżura *ad interim*.**

**Bl-ispejjeż ta’ din il-proċedura jitħalsu mis-soċjeta rikorrenti.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**